



Prattiki ta' HRM u prestazzjoni tal-istabbiliment: analiżi li tuża l-Istħarriġ Ewropew tal-Kumpaniji tal-2009

Sommarju eżekuttiv

Introduzzjoni

Intwera li l-mod kif tiġi amministrata impriża jħalli impatt fuq il-prestazzjoni tal-kumpaniji. Ġeneralment, huwa ssonnut li huma meħtieġa forom inqas riġidi ta' organizzazzjoni tax-xogħol sabiex wieħed ilaħħaq ma' kundizzjonijiet tas-suq u żviluppi tal-prodotti aktar dinamiċi. Aktar minn qatt qabel, dawn huma maħsuba sabiex jakkomodaw ir-rekwiżiti ta' forza tax-xogħol b'għarfien intensiv akbar u li qed titgħallem aktar. Primarjament, dawn il-prattiki ġew introdotti sabiex itejbu l-prestazzjoni u għalhekk, jirriflettu l-bidla minn immaniġġjar tar-riżorsi tal-persunal għal ġestjoni tar-riżorsi umani.

Aktar riċentement, dawn intrabtu mill-qrib mal-kunċett ta' postijiet tax-xogħol bi prestazzjoni għolja u l-użu ta' prattiki innovattivi fuq il-post tax-xogħol, spiss imqassra bħala politiki ta' HRM (Human Resource Management - Immaniġġjar tar-Riżorsi Umani), ilu riċerkat sa mill-bidu tad-deċennju tas-snin 1990. Dawn il-politiki multidimensjonali huma introdotti sabiex irendu lill-kumpaniji aktar effiċjenti, billi jintroduċu proċeduri ta' reklutaġġ ġodda, opportunitajiet ta' taħriġ għall-ħaddiema, jagħtu lill-ħaddiema aktar responsabbiltà fuq il-proċess ta' produzzjoni u anki l-possibbiltà li jieħdu sehem fis-suċċess tal-operazzjonijiet permezz ta' inċentivi finanzjarji. Jekk il-kumpaniji jiġu amministrati b'suċċess, dawn jistgħu jibaxxu r-rati tad-dawran, iżidu s-sodisfazzjoni tal-persunal tagħhom u b'hekk jimmotivawh sabiex jaħdem aħjar u aktar u jallinja l-paga tiegħu mas-suċċess tal-kumpanija. Dan iżid anki l-kwalità tal-prodotti skont l-aspettattivi tal-klijenti billi jintużaw modalitajiet ġodda ta' żvilupp, disinn u innovazzjonijiet ta' prodotti. Din hija sitwazzjoni fejn jirbaħ kulħadd, sija l-ħaddiema kif ukoll il-kumpaniji. Huwa ċert li l-prattiki ta' HRM itejbu l-kompetittività tal-kumpaniji fis-swieq tal-prodotti tagħhom

u, b'analoġija, il-produttività tax-xogħol għall-ekonomiji nazzjonali sħaħ. Madanakollu, ħafna pajjiżi fl-Ewropa xorta waħda għadhom ma jħaddmux il-politiki ta' HRM biżżejjed. Introduzzjoni aktar komprensiva ta' dawn l-innovazzjonijiet trendi l-Ewropa aktar kompetittiva u ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-UE fl-ekonomija dinjija.

Kuntest tal-politika

Il-kuntest tal-politika huwa miżrugħ fil-fond fl-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Filwaqt li l-politika pubblika tipprovdi l-qafas għat-tweġiq ta' dawn l-għanijiet, huwa fil-livell tal-kumpaniji li se jiġi determinat is-suċċess fl-iżvilupp ta' ekonomija tal-għarfien u l-innovazzjoni. L-aħħar u mhux l-inqas, il-kumpaniji individwali għandhom rwol kruċjali fil-promizzjoni tal-ħiliet matul iċ-ċiklu tal-ħajja. Huwa anki fil-post tax-xogħol minnu nnifsu fejn jista' jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tal-potenzjal ta' problemi tad-djalogu soċjali u jittrasforma ruħu f'sitwazzjoni fejn jirbaħ kulħadd.

Sejbiet ewlenin

Ir-rapport jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-letteratura dwar il-prattiki tax-xogħol innovattivi u jibda b'inventarju tad-diversi prattiki li ġew identifikati bħala innovattivi. Il-parti analitika tal-karta hija bbażata fuq l-Istħarriġ Ewropew tal-Kumpaniji (ECS - European Company Survey) tal-Eurofound stess. Is-sett tad-data jkopri 27,160 stabbiliment fi 30 pajjiż, u dan jagħmlu l-aktar sett tad-data estensiv li qatt intuża għal dan il-għan u l-uniku tentattiv transnazzjonali. Jintużaw l-erba' indikaturi tal-prestazzjoni: l-ambjent tax-xogħol, in-nuqqas ta' problemi ta' HR,

il-produttività tax-xogħol (imqabbla mal-kompetituri) u s-sitwazzjoni ekonomika fl-istabbiliment. Jintuża approċċ simili sabiex jitkejlu l-ħames aspetti tal-prattiki tax-xogħol innovattivi fejn huma biss daww il-prattiki kemxejn sofistikati li jissejġu innovattivi. Il-ħames settijiet ta' Prattiki huma ħinijiet flessibbli tax-xogħol, inċentivi finanzjarji (għal sehem kbir mill-forza tax-xogħol), taħriġ, timijiet awtonomi u leħen l-impjegati. Ir-riżultati ewlenin tal-investigazzjoni huma:

- L-impatt pożittiv ta' leħen l-impjegati dwar ambjent tax-xogħol tajjeb u n-nuqqas ta' problemi ta' HR;
- L-importanza tat-taħriġ għas-sitwazzjoni ekonomika u l-livell ta' produttività tal-istabbiliment;
- Anki s-sitwazzjoni ekonomika u l-miżuri ta' produttività tal-prestazzjoni huma assoċjati b'mod pożittiv ma' paga relatata mal-prestazzjoni;
- L-awtonomija tat-timijiet uriet effetti relattivament b'saħħithom għall-ambjent u l-produttività tax-xogħol;
- L-aktar riżultati dgħajfa nstabu għall-ħinijiet flessibbli tax-xogħol għall-varjabbli kollha tal-prestazzjoni.

Barra minn hekk, ma nstabex l-ebda prova li taħlitiet varji (pakketti) tal-prattiki innovattivi kienu jwasslu aktar għal prestazzjoni għolja, għad li għet osservata xi korrelazzjoni bejn il-verifiki ta' taħriġ u l-ħidma f'timijiet awtonomi. Hemm ftit raġuni għalfejn wieheď jemmen li hawnhekk hawn ċerti relazzjonijiet kawżali. L-effetti ferm b'saħħithom ta' leħen l-impjegati dwar l-ambjent tax-xogħol u n-nuqqas ta' problemi ta' HR huma plawżibbli b'mod eminenti. B'mod simili, ikun diffiċli li wieheď jemmen li huma fil-fatt l-indikaturi tal-prestazzjoni li 'jikkawżaw' uħud mill-prattiki innovattivi. Pereżempju, huwa improbabbli li sempliċiment għaliex id-ditti jkollhom produttività għolja, dawn jistgħu jadottaw livell għoli ta' awtonomija tat-timijiet.

Għalhekk, konklużjoni ġenerali hija li fil-fatt, jidher li l-prattiki tax-xogħol innovattivi kif identifikati fl-ECS iħallu effett pożittiv fuq diversi dimensjonijiet tal-prestazzjoni. Il-produttività tax-xogħol ma tikkonċernax biss teknoloġiji ġodda u żieda fl-investment kapitali. Anki l-organizzazzjoni tax-xogħol b'mod ġenerali, u dawn il-prattiki b'mod partiolari, għandhom rwol vitali fl-ilħuq tal-isfidi li l-Ewropa qed tħabbat wiċċha magħhom fl-ambjent dinji li qed isir dejjem aktar kompetittiv.

Aktar informazzjoni

Ir-rapport *Prattiki ta' HRM u prestazzjoni tal-istabbiliment: analiżi li tuża l-Istħariġ Ewropew tal-Kumpanji tal-2009* huwa disponibbli fuq <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1169.htm>

Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil Jean-Marie Jungblut, Maniġer tar-Riċerka, jmj@eurofound.europa.eu